MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2003

Citazzjoni Numru. 2642/2000/2

**Robert Camilleri**

**vs**

**Annabelle Farrugia**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fil-21 ta' Dicembru 1996 skond l-anness certifikat taz-zwieg immarkat Dok "RC1" u miz-zwieg taghhom ma twieldu ebda wlied.

Illi l-kontendenti jinsabu legalment separati minn xulxin permezz ta' kuntratt datat 9 ta' Marzu 1999 fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Burlo' hawn esebit u mmarkat Dok "RC2".

Illi l-kunsens tal-konvenuta ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu.

Illi l-kunsens tal-konvenuta ghal dan iz-zwieg kien vizzjat peress li kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi l-kunsens tal-attur ghal dan iz-zwieg kien vizzjat peress li nkiseb b'qerq a tenur tal-**artiklu 19 (1) (c) tal-Kap. 255**.

Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg bejn il-kontendenti hu null u bla effett ghat-termini tal-**artikoli 19 (1) (c), (g) u/jew (d) u/jew (f) tal-Att XXXVII tal-1975 li Jirregola z-Zwigijiet.**

Illi l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmi zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett fil-ligi ghar-ragunijiet fuq spjegati.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hi ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 sa 8 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Settembru 2001.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta tal-5 ta' Novembru 2001 a fol. 14 fejn gie eccepit:-

(1) Illi l-konvenuta taqbel illi dan iz-zwieg ghandu jigi dikjarat null pero' b'dawn il-modifiki ma' dak premess mill-attur:-

(a) Illi m’hemmx bazi ta’ annullament *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (c) u 19 (1) (g)** peress illi ma kien hemm l-ebda qerq u lanqas xi kundizzjoni li tirreferi ghall-futur.

(b) Illi hemm bazi biex iz-zwieg jigi dikjarat null pero’ minhabba illi l-kunsens ta’ l-attur u mhux tal-konvenuta kien vizzjat minhabba difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu u minhabba eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

(2) Illi minhabba s-suespost huwa l-attur li ghandu jbaghti l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 15 tal-process.

Rat il-verbal tat-22 ta’ Novembru 2001 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Leslie Cuschieri bhala Perit Legali biex jigbor il-provi u jirrelata.

Rat in-nota tal-attur datata 14 ta’ Jannar 2002 li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu.

Rat il-verbal tas-17 t’April 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema’ minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace.

Rat in-nota tal-konvenuta datata 12 t’April 2002 fejn esebiet l-affidavit taghha, ta’ Mary Farrugia u ta’ Jean Pierre Woods.

Rat il-verbali tat-22 t’Ottubru 2002 fejn inghata digriet affidavit tal-konvenut b’terminu ta’ tletin gurnata; tat-18 ta’ Marzu 2003; tal-25 ta’ Gunju 2003; tat-12 ta’ Novembru 2003 fejn il-Perit Legali Dr. Leslie Cuschieri kkonferma r-rapport tieghu bil-gurament. Id-difensuri rrimettew ruhhom ghar-rapport u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum 9 ta’ Dicembru 2003.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali u s-seduti minnu mizmuma, ix-xhieda hemm moghtija u d-dokumenti hemm esebiti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PROVI PRODOTTI.

Illi **l-attur** xehed li qabel izzewweg lill-konvenuta huma kienu jahdmu ma' *ST Micro Electronics*, u wara ghaxar xhur ta' gherusija zzewgu fil-21 ta' Dicembru 1996. Jghid li l-ewwel suspett hazin li gih f'Annabelle kien li din kienet tibza' tiltaqa' man-nies, u li hi kienet tispjegalu li kienet tippreferi toqghod mieghu biss. Jghid li beda jircievi telefonati anonimi dwar Annabelle, fejn min icempel kien partikolarment jghidlu li Annabelle ma kenitx tghodd ghalih ghax kienet *"tigri ma' hafna rgiel. Din il-persuna qaltli wkoll illi kien hemm irgiel ohra bejni u bejn Annabelle, u niftakar li ssemmew l-ismijiet ta' Jeffrey li hu 'supervisor' fuq il-post tax-xoghol tieghi kif ukoll l-isem ta' Joe Valletta, li hu ufficjal gholi fil-Korp tal-Pulizija".* Jghid li ghal dan Annabelle kienet tirrispondi li min kien qed icempel kien ghajjur, izda qatt ma cahdet dak li kienet qed tigi akkuzata bih. Jghid li hu bhal m'emminx dak li kienet qed tghidlu dik il-persuna anonima ghax ma kien ra xejn b'ghajnejh. Maz-zmien huwa kellu ghax jissuspetta li l-persuna li kienet iccempillu anonimu kien l-Arcipriet taz-Zurrieq, li min-naha tieghu cahad kollox.

Illi l-attur jikkonferma li wara l-intricci kollha ta' l-Arcipriet Michael Agius, huma mhux talli baqghu flimkien talli kellhom relazzjonijiet sesswali li wasslu biex Annabelle harget tqila. Bhala soluzjoni ddecidew li jizzewgu. Wara tliet xhur kien hemm *miscarriage*, izda l-kontendenti ddecidew li jizzewgu xorta wahda *"peress li kellna kollox ippreparat"*.

Illi l-attur jixhed li wara z-zwieg martu la kienet issajjar, la tnaddaf la kienet tahsel hwejjeg, u kollox kienet taghmilulha ommha.

Illi mbaghad huwa jispjega kif ftit xhur wara z-zwieg hija bdiet tmur spiss u regolarment il-Belt, sa ma sab li kienet qed tiffrekwenta lil certu Jean Pierre Woods bil-mohbi tieghu, minkejja li kienu jafuh it-tnejn. Malli sar jaf b'dan l-attur jghid li *"f'dan iz-zmien jien irrealizzajt illi z-zwieg tieghi kien falla u kont ghidt lil Annabelle sabiex issiefer mieghi u ma' shabi u tiehu 'break'. Hi ma rieditx u qalet lili biex immur wahdi ma' shabi u jiena mort. Waqt li kont imsiefer jien cempiltilha diversi drabi kemm fuq il-post tax-xoghol taghha kif ukoll id-dar, izda qatt ma rnexxieli naqbadha. Jien domt gimgha imsiefer"*. Jghid li madwar xahar qabel siefer sar jaf tfajla li tahdem mieghu, u meta gie lura mis-safar beda relazzjoni maghha. Illum ghadu maghha u ghandu tarbija minn din it-tfajla. Wara konfrontazzjoni Robert ammetta din ir-relazzjoni u martu ammettiet sia r-relazzjoni taghha ma' Jean Pierre kif ukoll xi akkuzi milli saru fil-konfront taghha fit-telefonati anonimi. Huwa qalilha biex *"tippakkja l-affarijiet taghha u titlaq mid-dar".*

Illi fix-xhieda taghha, **il-konvenuta** tikkonferma li ltaqghet ma' Robert fi Frar 1996, harget tqila minnu f'Awissu 1996, tilfet it-tarbija f'Ottubru 1996 u zzewgu fil-21 ta' Dicembru 1996 meta t-tnejn kellhom tnejn u ghoxrin (22) sena. Tiddeskrivih hekk: *"Kien zwieg mghaggel u t-tnejn li ahna ma konniex nafu ghal xiex dehlin".*

Illi tghid li wara z-zwieg zewgha kien ikun irid imur fil-postijiet ta' divertiment li huma aktar addattati ghal min mhux mizzewweg, inkluzi *rave-parties* u *night-clubs*. Meta b'oppozizzjoni hija ma kenitx taccetta li tmur, zewgha xorta kien imur f'dawn il-postijiet ma' guvintur u tfajliet hbieb tieghu. Kien ikun irid imur id-*Downtown Bar* wara li jispiccaw mix-xoghol fl-10:00 ta' bil-lejl u jdumu sas-1:00 ta' fil-ghodu. Tammetti li b'din il-hajja hija ma setghetx tlahhaq mat-tisjir. Tghid li kien qed jonfoq hafna flus u kien jippretendi l-flus minghandha, u li f'okkazjoni minnhom anke heddidha b'sikkina biex ittih il-flus. Dan kien f'Dicembru 1997, jigifieri xi sena wara z-zwieg. Skond il-konvenuta, f'dan iz-zmien zewgha kien diga' beda relazzjoni ma' certa Elaine li tahdem mieghu, u ma riedx iwaqqaf il-kuntatti maghha. Hija tammetti li bdiet tiffrekwenta lil Jean Woods wahedha u saru hbieb.

Illi **Mary Farrugia**, presubbilment omm il-konvenuta, tghid li huma (aktarx hi u zewgha) kienu saru jaf li Annabelle kienet harget tqila minn Robert u li ghalhekk kienu ser jizzewgu. Huma ppruvaw jikkonvincuha ma taghmilx dan ghax ma kenitx soluzzjoni tajba, izda hi ghamlet ta' rasha. Imbaghad Annabelle korriet, u regghu ttentaw jikkonvincuha ma tizzewwigx, izda Annabelle baqghet tinsisti li jitkompla kollox. Wara z-zwieg Mary Farrugia rat li Annabelle ma kienetx qed tlahhaq max-xoghol ta' barra u tad-dar, u ghalhekk kienet tghinha bix-xoghol tad-dar. Tghid li l-incident fejn l-attur hedded lill-konvenuta b'sikkina kien f'Mejju 1998, meta allura l-konvenuta telqet minn ma' zewgha u sussegwentement bdiet il-proceduri ta' separazzjoni.

Illi Jean Pierre Woods xehed l-ewwel permezz ta' affidavit, fejn jghid li huwa kien jaf lill-kontendenti u wara li sar jaf li dawn kienu sseparaw huwa beda jiltaqa' mal-konvenuta. Madankollu dan ix-xhud rega' tela' jixhed minn jeddu fejn wara li wera li huwa xejn ma xtaq jixhed biex ma jippregudikax iz-zwieg tieghu, spjega kif wara xi sitt jew tmien xhur miz-zwieg tal-kontendenti, il-konvenuta kienet tigi regolarment izzuru go hanut il-belt biex toqghod tghidlu affarijiet personali taghha. Maz-zmien dawn il-viziti zviluppaw f'relazzjoni ntima li baqghet sejra sa wara li l-kontendenti nfirdu. Jghid li sar jaf li wara hija bdiet tohrog ma' ragel iehor barrani li jghix Malta. Jghid li din ir-relazzjoni zviluppat tant kemm ippressat il-konvenuta, u li kien ghalih huwa ma xtaqx jasal fejn fil-fatt waslu.

Illi xehdet **Dolores Camilleri**, omm l-attur, b'affidavit fejn spjegat kif wara l-*miscarriage* tal-konvenuta hija pprovat tikkonvinci lill-konvenuta, li kienet l-isptar, biex ma jkomplux bil-pjanijiet taz-zwieg ghax ma kienx hemm ghaggla, izda din qaltilha li xorta riedet tizzewweg.

Illi mbaghad hija tixhed b'certa elaborazzjoni dwar telefonati u ittra anonimi li kienu jghidu li l-konvenuta ma kienetx tixraq ghall-attur, li kienet ghazziena, mhux bil-ghaqal u li kienet tigri ma' hafna rgiel. Tghid li l-ittra qattghetha. Imbaghad kien gie jkellimhom Fr. Michael Agius u tghid li

gharfet lehnu bhala l-persuna li kien qed jaghmel it-telefonati anonimi. Dan qalilha li kien jaf sewwa l-familja ta' Annabelle, u li din ma kenitx adattata ghal binhom peress li dan kien bil-ghaqal, filwaqt li fil-konfront ta' Annabelle kellu biss kliem dispreggjattiv.

Illi tghid li maz-zwieg saret taf li l-konvenuta ma kienet qed taghmel ebda xoghol fid-dar, izda ma kenitx taf bi problemi ohra, sa ma bdiet tinnota li Robert ma baqax persuna ferrihija. Binha nfurmaha li wara sena u nofs ta' zwieg, dan kien tfarrak.

Illi **Charles Camilleri**, missier l-attur, bazikament jikkonferma dak kollu li xehdet martu, u jzid li qabel ma kien sar jaf bil-problemi li kellhom il-kontendenti, matul iz-zwieg taghhom huwa kien inzerta lil Annabelle fi Strada Merkanti Valletta tirkeb ma' ragel go karozza bajda. Jghid li ibnu spjegalu li dak kien Jean Pierre Woods.

**<u>(ii) KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI.</u>**

Illi l-attur jibbaza t-talba tieghu ghall-annullament taz-zwieg tieghu fuq difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju da parti tal-konvenuta; fuq l-eskluzjoni da parti tal-konvenuta taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi tal-hajja mizzewga; fuq qerq da parti tal-konvenuta; u fuq kundizzjoni li tirreferi ghall-futur.

Illi l-konvenuta teccepixxi li fl-ewwel lok ma kien hemm ebda qerq u anqas xi kundizzjoni li tirreferi ghall-futur; u fit-tieni lok li d-difett serju ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi tal-hajja mizzewga mhumiex attribwibli lill-konvenuta izda lill-attur innifsu.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti, sewwa eccepiet il-konvenuta li fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens la kien hemm qerq u anqas kien hemm xi kundizzjoni marbuta mal-futur. Dan qed jinghad a skans ta' deliberazzjonijiet zejda fuq dawn il-kapijiet ta' annullament, *stante* li f'ebda stadju ta' din il-kawza ma ngiebu xi hjiel ta' fatti li b'xi mod jistghu jigu konnessi ma' dawn iz-zewg kapi. La qatt issemmiet xi

kundizzjoni li setghet saret, u anqas qatt issemma xi qerq li l-konvenuta setghet kienet hatja tieghu fil-mument tal-ghoti tal-kunsens ghaz-zwieg bejn il-kontendenti. M’hemmx ghalxiex wiehed jelabora li relazzjonijiet extra-maritali jistghu jitqiesu bhala qerq ghar-ragel tat-triq, izda zgur ma jikkostitwixxux raguni idonea ghall-annullament taz-zwieg *ut sic.* Ghaldaqstant l-Qorti sejra tikkoncentra fuq iz-zewg kapi l-ohra, cjoe` d-difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju u s-simulazzjoni.

Illi hawnhekk issir referenza ghal **artikolu 19 (1) (d) (l-ewwel parti)** - *“Difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju”* li jiddisponi illi:-

*“B’zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta’ dan l-Att, zwieg ikun null:-*

***(d)*** *jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibli ghall dik il-parti li taqdi l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg”.*

Illi b’difett serju ta’ gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser kwalsiasi stat ta’ mmaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista’ tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` totali, ftit li xejn ikunu z-zwigiet validi. In-nuqqas tad-*discretio judicii* hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita` ta’ parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsent liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg.

Illi l-legislatur Malti segwa l-legislatur kononiku meta rrediga d-diversi paragrafi tas-**subartikolu (1) ta’ l-artikolu 19** tal-Ligi dwar iz-Zwieg, u ghalhekk jiswa li jigi ezaminat kif inhuma nterpretati dawn il-paragrafi mill-guristi kanonici. ***Colagiovanni*** jispecifika li:-

*“Il matrimonio, in quanto patto ossia "foedus" ... richiede una capacita` intellettuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e` per lo meno rescindibile, in casi determinati*

*dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta`, dato che ... si tratta di assumersi una "servitus" per tutta la vita.* (**Forum, 1990, Vol.1 part I**, p.72).

Illi pero' l-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni ikun wiehed serju li jeghleb il-prezunzjoni kull persuna ta' l-eta' legali ghandha d-diskrezzjoni tal-gudizzju necessarja biex hija tkun tista' tizzewweg. ***Bersini*** jispjega li:-

*"Per dare un valido consenso, non e` sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e` il matrimonio; e` necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concerto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e` necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l'eta` prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario".* (***Bersini, F.,*** **Il Diritto Canonico Matrimoniale, Elle Ci Di (Torino)**, 1994, p.98).

Illi hemm qbil fost hafna guristi, inkluzi ***Davino*** u ***Pompedda***, li d-diskrezzjoni tal-gudizzju ikollu difett serju f'kull wahda minn dawn it-tliet sitwazzjonijiet:-

1. Meta ta' l-anqas wahda mill-partijiet tkun priva b'mod gravi minn dik il-fakolta` kritiko-estimativa jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg;

2. Meta tal-anqas wiehed mill-kontraenti ma jkunx lahaq kapacita` ghall-valutazzjoni proporzjonata ghall-gravita` tar-relazzjoni matrimonjali; jew

3. Meta tal-anqas wiehed mill-partijiet ma jkollux dik il-liberta` nterna li tippermettilu jiddelibera b'valutazzjoni

sufficjenti dwar il-motivi taz-zwieg, u dan b'awtonomija minn kull forza nterna.

Illi ghalhekk difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju mhux sempliciment nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni jew li wiehed jaghmel ghazliet jew decizjonijiet zbaljati. *"Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet biz-zejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta'diskrezzjoni ta' gudizzju".* (**"Selina Maria Vella Haber vs Joseph Gatt"**, P.A. 15 ta' April 1996). Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-**artikolu 19 (1) (d)** irid ikun hemm l-inkapacita` psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku jew psikjatriku) li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali.

Illi fil-kaz in ezamina l-Qorti tinnota li l-konvenuta nqabdet tqila mill-attur wara biss sitt (6) xhur tqala u f'kemm trodd salib il-kontendenti ddecidew li ahjar jizzewgu. Ma jirrizulta li saret ebda preparazzjoni ghal dan iz-zwieg. Fix-xhieda taghhom il-partijiet ikkonsidraw iz-zwieg innifsu bhal li kieku kien xi avveniment ta' kuljum. La jghidu x'ippreparaw, la min ha hsieb il-preparazzjoni, la fejn gie celebrat, la jekk sarux festeggamenti, xejn. Jirrizulta biss li anqas fejn joqoghdu ma kellhom. Imbaghad kien hemm il-korriment, u jidher li ittiehdet id-decizjoni li la kollox kien lest (fi zmien xahrejn!) allura kollox jibqa' ghaddej u z-zwieg kellu xorta jsir.

Illi l-Qorti ma tistax ma tinnotax l-ghaggla sfrenata biex kollox isir ta' malajr, l-aqwa li jsir, tqala wara xahrejn ta' konoxxenza, korriment, preparazzjoni ghal tieg f'xahrejn, u tieg fi zmien ghaxar xhur minn meta ltaqghu. Minkejja li l-kontendenti t-tnejn kellhom tnejn u ghoxrin (22) sena, wiehed ma jistax ma jkollux dubbji serji dwar kemm dawn il-persuni kienu f'pozizzjoni li jirriflettu dwar il-hajja mizzewga bhala xi haga ghal hajjithom kollha, aktar u aktar meta jidher li mill-provi dak li kien determinanti ghad-decizjoni

sabiex l-istess kontendenti jiehdu dan il-pass kien il-fatt li l-istess konvenuta nqabdet tqila.

Illi jekk wiehed jezamina l-attitudni tal-konvenuta, jidher li din kellha nsistenza sia da parti t'ommha kif ukoll da parti tal-kunjata biex tahseb sew, ma tghaggilx u ma tizzewwigx malajr, fl-ewwel lok minhabba t-tqala, u sussegwentment minhabba li kienet korriet u ghalhekk it-tqala spiccat, u fit-tieni lok ghaliex iz-zwieg jehtieglu preparazzjoni ahjar; izda din donnha riedet tibqa' ghaddejja. Dan huwa konvincenti bizzejjed li l-konvenuta mhux sempliciment ma rriflettietx fuq il-hajja mizzewga, izda lanqas biss kienet f'pozizzjoni li tirrifletti b'mod adegwat fuq id-dmirijiet li hija kienet ser tassumi, aktar u aktar mit-trawma li kienet ghada kif ghaddiet minnha.

Illi jidher car li l-konvenuta ma fehmitx, u in verita' lanqas biss kienet f'pozizzjoni li tifhem il-kuncett rejali u essenzjali taz-zwieg. Dan il-fatt huwa kkonfortat bl-attitudni tal-konvenuta wara z-zwieg, fejn ix-xoghol tad-dar kien jaghmilulha haddiehor mhux sempliciment ghax ma kenitx tlahhaq max-xoghol, imma anke b'pika ma' zewgha u biex tohrog. Aktar minn hekk, il-konvenuta, sitt (6) xhur wara z-zwieg kienet diga' bdiet tiddejjaq mill-hajja mizzewga, u dwar dan marret tiftah qalbha ma' ragel li jidher li kien joghgobha. Flok irrikorriet ghand persuni li forsi setghu ntervjenew biex jirrangaw is-sitwazzjoni, bdiet tippressa ragel mizzewweg biex jidhol f'relazzjoni maghha, biex b'hekk is-sitwazzjoni tgharrqet. Fl-ebda mument ma jidher li l-konvenuta ppruvat issalva z-zwieg, u jidher li ghall-konvenuta kulma kien ifisser iz-zwieg kien xoghol bil-paga, hrug u li jkollha lil zewgha maghha. Wiehed ma jistax ma jinnotax li f'sitt xhur ta' hbiberija l-kontendenti waslu ghal tqala, fil-waqt li f'sena u nofs ta' zwieg ma waslux ghall-istess rizultat. Ghalhekk iva, il-konvenuta jirrizulta li ma kellhiex dawk il-fakoltajiet ta' diskrezzjoni ta' gudizzju necessarji u essenzjli li kienu jippermettulha tasal ghal riflessjoni serja dwar x'kienet ser tkun tfisser ghaliha l-hajja mizzewga. Fi kliem l-istess konvenuta *"Kien zwieg mghaggel u t-tnejn li ahna ma konniex nafu ghalxiex dehlin".* Fil-kuntest tas-suespost iz-zwieg ghandu jigi dikjarat null.

Illi jekk mill-banda l-ohra wiehed jezamina l-attitudni tal-attur, dan ukoll kellu ndikazzjonijiet persistenti li ma kienx ser ikollu hajja felici mal-konvenuta, izda minkejja dan mhux talli baqa' johrog maghha talli *"Xi zmien wara dawn l-incidenti, Annabelle harget tqila u jien u hi ddecidejna li nizzewgu".* Mela ghandna sitwazzjoni ta' ragel li fl-ewwel sitt (6) xhur ta' l-gherusija gie bbumbardjat b'kemm mhux ta' min jistabbilixxi relazzjoni mal-konvenuta, u kuntrarju ghal dawn it-twissijiet ghadda biex bir-relazzjoni sesswali ma' l-istess mara din harget tqila meta lanqas biss kien hemm kliem dwar zwieg. Dan diga' juri mmaturita' u rresponsabbilta`. Imbaghad kompla jiggrava s-sitwazzjoni billi flimkien mas-siehba ddecieda li biex isolvi l-problema tat-tqala huma kellhom jizzewgu malajr, u veru malajr. Skond l-attur, f'temp ta' xahrejn kollox kien ippreparat, u ghalhekk wara l-korriment setghu jibqghu ghaddejjin bil-pjanijiet taz-zwieg.

Illi huwa veru li ma hemm ebda zmien stabbilit biex wiehed jipprepara ruhu ghaz-zwieg, izda li jinghad li f'temp ta' xahrejn wiehed jasal ghal decizjoni li jizzewweg u li jhossu mija fil-mija ppreparat xejn u dan meta l-partijiet gew rinfaccjata bi tqala mhux mistennija, juri certament nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-kuncett ta' zwieg, u certament li anke l-kunsens tal-attur f'dan il-kaz kien hekk ivvizjat. Pjuttost hija ndikazzjoni cara li l-attur lanqas biss kien jaf x'ifisser tipprepara ruhek ghaz-zwieg. Kollox juri li ghall-attur il-preparazzjoni tat-tieg kienet tfisser biss li jara fejn ser imorru joqoghdu (u hawn jidher li qablu li jmorru mal-genituri tieghu), u forsi l-festin tat-tieg, u dan kollu sabiex it-tqala li rrizultat tigi moghtija dehra ohra. Dawn kollha huma konsiderazzjonijiet li huma aljeni ghall-kuncett ta' *discretio iudicio* fil-hajja mizzewga, u fil-fatt jidher li bejn l-istess partijiet ma kien hemm l-ebda legami ta' emozzjoni, imhabba u wkoll gid reciproku ta' xejn.

Illi l-attur mhux biss ma hasibx x'kien ser ikun iz-zwieg ghalih, talli deher inkapaci li jaghmel dan, tant li wara z-zwieg huwa hass li l-hajja kellha tibqa' bhalma kienet qabel. Din il-mankanza ta' riflessjoni fuq il-hajja mizzewga hi korroborata bl-attitudni ta' l-attur wara z-zwieg fejn huwa

jehodha kontra martu ghax din kienet tkun trid toqghod mieghu biss; aktar ma kellu ndikazzjonijiet li martu kienet thobb l-irgiel, aktar kien jehodha f'postijiet biex tiltaqa' ma izjed irgiel! Meta mbaghad l-attur beda jara z-zwieg tieghu qed jitfarrak, flok fittex id-djalogu jew l-intervent ta' min hu espert fil-qasam, mar fittex relazzjoni ma' mara ohra. Aktar minn hekk jghid li:

*"F'dan iz-zmien jien irrealizzajt illi z-zwieg tieghi kien falla u kont ghidt lil Annabelle sabiex issiefer mieghi u ma' shabi u tiehu 'break'. Hi ma riedetx u qalet lili biex immur wahdi ma' shabi u jiena mort".* Il-konvenuta tghid li zewgha qabad u siefer bla ma qalilha, izda ha nipotizzaw li l-verzjoni l-korretta hija dik ta' l-attur. Jekk iz-zwieg qed jitfarrak, safra kienet taghmel tajjeb ghall-koppja, izda xejn ma kienet tkun ta' gid li jkun hemm il-hbieb ukoll. Aghar minn hekk, il-konvenuta ma qablitx mas-safar, u l-attur siefer wahdu mal-hbieb.  Kwistjoni mhux cara hija jekk hux minnu l-fatt mhux negat li l-attur kien jippretendi l-flus minn ghand martu: wiehed jistaqsi, apparti l-bzonnijiet ta' kuljum, fiex kien qed jonfoqha l-paga tieghu, fil-hrug?

Illi ghalhekk din il-Qorti taqbel hawn ukoll mal-Perit Legali Dr. Leslie Cuschieri li l-indizji kollha f'din il-kawza kollha jippuntaw lejn difett ta' diskrezzjoni ta' gudizzju dwar il-hajja mizzewga anke da parti ta' l-attur.

Illi qed issir referenza ghall**-paragrafu 19 (1) (f) tal-Kap 255** - *"Eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta*` li jirrigwarda s-simulazzjoni, totali (*colorem habens, substantiam vero nullam*) jew parzjali (*colorem habens, substantiam vero alteram*). Il-ligi tipprezumi li l-kunsens li jinghata nternament jikkorrespondi ghall-kunsens li jkun inghata esternament fic-celebrazzjoni taz-zwieg. Madankollu, jekk parti nternament teskludi b'att pozittiv iz-zwieg innifsu, jew wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew ghad-dritt ta' l-att taz-zwieg, il-kunsens moghti esternament huwa nvalidu. Simulazzjoni totali tfisser li persuna teskludi b'att pozittiv intern jew li tizzewweg jew li taghti l-kunsens ghar-ragunijiet li ghalihom iz-zwieg hu mahluq.

Illi l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga huma l-ghaqda konjugali u l-indissolubbilta`, li jinkludi d-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied. Dawn l-elementi gew ikkonfermati fil-kawza **"Abdel Wahed vs Dr Yana Micallef Stafrace"** (Prim' Awla tal-Qorti Civili tal-14 ta' Lulju 1994). L-indissolubbilta` (*bonum sacramenti*) tigi eskluza meta persuna nternament tiddeciedi li z-zwieg taghha jista' jigi xolt fil-futur; l-ghaqda konjugali tikkonsisti f'dawk li jissejhu l-*bonum prolis* cjoe` li tkun miftuh ghall-prokreazzjoni u l-edukazzjoni ta' l-ulied (u ghalhekk jinkludi d-dritt u l-obbligu ta' l-att konjugali), u l-*bonum fidei* cjoe` l-oghti tar-ragel lill-mara u tal-mara lir-ragel ghad eskluzjoni ta' terzi.

Illi l-obbligazzjoni tal-fedelta` hija wahda reciproka li giet definita mill-Papa Piju XII bhala:-

*"... the mutual faithfulness of husband and wife in observing the matrimonial contract. This implies that the right which in virtue of theis divinely ratified agreement belongs exclusively to each companion, will neither be denied by the one to the other nor granted to any third person..."* (***Casti Connubii*** nn.19,20).

Illi l-gurisprudenza antika kienet tghid li biex ikollok simulazzjoni parzjali kontra l-*bonum fidei* persuna kienet trid taghti l-ghaqda konjugali taghha lil persuna ohra, u cjoe` ikollok poligamija jew poliandrija. Izda llum il-gurnata dan l-element gie definit bhala l-obbligu li teskludi terzi mill-att konjugali. Ghalhekk il-kunsens huwa difettuz u nvalidu jekk l-obbligu tal-fedelta` fil-mument taz-zwieg jigi limitat b'att pozittiv, li jista' jkun esplicitu jew implicitu, li jirrizerva dritt li fil-futur jigi kommess adulterju.

Illi madankollu trid issir distinzjoni bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax parti jew iz-zewg partijiet qabel ma ta l-kunsens tieghu, kien gja' mentalment dispost li ma josservax xi wahda minn dawn l-obbligi matrimonjali. Fit-tieni kaz hemm l-estremi ta' l-annullament.

Illi meta din l-interpretazzjoni tal-ligi tigi applikata ghall-kaz odjern, huwa caru ovvju li qatt ma kien hemm farka ta'

suspett li l-attur seta' vvizzja l-kunsens billi eskluda z-zwieg jew xi wiehed mill-elementi essenzjali tieghu. Il-fatt li meta nqalghu l-problemi l-attur mar ifittex mara ohra ma jimpingi xejn fuq dan il-kap ta' annullament, ghalkemm huwa fattur importanti ghall-iskopijiet ta' diskrezzjoni ta' gudizzju gja' ezaminati. Ghall-kuntrarju, hemm dubji serji dwar il-konvenuta f'dak li jirrigwarda l-*bonum fidei*. L-attur kellu nformazzjoni li anke meta kien beda johrog maghha, il-konvenuta kienet ghadha qed tiffrekwenta rgiel ohra, u dan ma giex negat; madwar sitta jew tmin xhur wara z-zwieg il-konvenuta kienet diga' qed tigri wara ragel iehor mizzewweg, haga li turi li l-konvenuta ftit li xejn kienet tirrispetta dan il-*bonum*, sia fil-konfront taz-zwieg taghha stess kif ukoll fil-konfront taz-zwieg ta' haddiehor.

Illi ghalhekk l-Qorti hija tal-opinjoni li l-konvenuta, b'imgiebitha wriet li, ghalkemm forsi ma rriflettietx fuq din il-haga, hija minn dejjem kienet disposta ccahhad lil zewgha mill-*bonum fidei*.

Illi ghalhekk ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti thoss li ghandha tappracja l-konkluzjonijiet tal-Perit Legali Dr. Leslie Cuschieri li ghalaq ir-relazzjoni peritali tieghu bil-mod segwenti:-

*"Ghar-ragunijiet, fatti u cirkostanzi kollha suesposti, l-esponent umilment jasal ghall-konkluzjoni li z-zwieg kontrattat mill-partijiet Robert Camilleri u Annabelle Farrugia huwa null u bla effett a bazi ta' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu, da parti sia ta' l-attur kif ukoll tal-konvenuta; u huwa null u bla effett ukoll a bazi ta' simulazzjoni parzjali da parti tal-konvenuta".*

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigi milqugha abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d)** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet u abbazi tal-**artikolu 19 (1) (f)** ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenuta.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuta abbazi tal-**artikolu 19 (1) (c) u (g) tal-Kap 255** *stante* li l-istess dispozizzjonijiet ma japplikawx ghall-kaz in ezami, u filwaqt li tilqa' *in parte* l-eccezzjoni tal-konvenut fir-rigward tal-**artikolu 19 (1) (d)** fil-konfront tal-attur in kwantu l-istess hija kompatibbli ma' dak hawn deciz, u tichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tal-konvenuta, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

(1) Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg bejn il-kontendenti datat 21 ta' Dicembru 1996 huwa null u bla effett abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d)** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet, u *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255** ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenuta.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------